Nru./No. 20,938
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022
Monday, 10th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 14,033
Government Notices *14,033*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,034 - 14,036
Court Notices ..... *14,034 - 14,036*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1378

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta ħatar lis-Sur Ryan Spagnol bħala Kanċillier tax-Xirka Gieħ ir-Repubblika u tal-Ordni Nazzjonali tal-Meritu bis-saħħa tal-kariga tiegħu bħala Segretarju tal-Kabinett.

L-1 ta' Settembru, 2022

Nru. 1379

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Ottubru, 2022, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1338 tal-5 ta' Ottubru, 2022, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-7 ta' Ottubru, 2022
(OPM/19/2022)

Nru. 1380

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 17 imsejjaħ l-Att tal-2022 dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika;

Abbozz ta' Liġi Nru 18 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta;

Abbozz ta' Liġi Nru 19 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti; u

Abbozz ta' Liġi Nru 20 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-10 ta' Ottubru, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 1378

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

IT is hereby notified that, in terms of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta has appointed Mr Ryan Spagnol, as Chancellor of Xirka Gieħ ir-Repubblika and of The National Order of Merit by virtue of his office as Secretary to the Cabinet.

1st September, 2022

No. 1379

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 7th October, 2022, and that the arrangements made by Government Notice No. 1338 of the 5th October, 2022, ceased to have effect accordingly.

7th October, 2022

No. 1380

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 17 entitled the Committee for the Recommendation of Measures for the Protection of Journalists, other Media Actors and Persons in Public Life (Establishment) Act, 2022;

Bill No. 18 entitled the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2022;

Bill No. 19 entitled the Protection of the Media and Journalists (Various Laws) (Amendment) Act, 2022; and

Bill No. 20 entitled the Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2022.

10th October, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1765

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-4 ta' Ottubru, 2022, u dan wara Rikors b'numru 832/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' Melanie magħrufa bħala Milane Pepe li jġib in-numru 3648 tas-sena 1985 billi kull fejn jidher l-isem 'Melanie', dan jiġi kanċellat u sostitwit bl-isem korrett 'Milane';

Li kull fejn jidher l-isem 'Melanie' fl-Att taż-Żwieġ ta' Melanie magħrufa bħala Milane Pepe, li jġib in-numru 1379 tas-sena 2013 dan jiġi kanċellat u sostitwit bl-isem korrett 'Milane';

Li kull fejn jidher l-isem 'Melanie' fl-Atti tat-Twelid ta' wlied Melanie magħrufa bħala Milane Pepe, li jġibu n-numri 2874 tas-sena 2011, 2535 tas-sena 2014 u 6273 tas-sena 2019 dan jiġi kanċellat u sostitwit bl-isem korrett 'Milane'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 4th October, 2022, and upon an application numbered 832/2022, ordered:

The Director of the Public Registry to make the necessary corrections or annotations in the Act of Birth of Melanie known as Milane Pepe bearing the number 3648 of the year 1985, so that wherever the name 'Melanie' appears, this is cancelled and substituted by the correct name 'Milane';

That wherever the name 'Melanie' appears in the Act of Marriage of Melanie known as Milane Pepe, bearing the number 1379 of the year 2013, this is cancelled and substituted with the correct name 'Milane';

That wherever the name 'Melanie' appears in the Acts of Birth of Melanie known as Milane Pepe's children, bearing the numbers 2874 of the year 2011, 2535 of the year 2014 and 6273 of the year 2019, this is cancelled and substituted by the correct name 'Milane'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 6 ta' Ottubru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 6th October, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1766

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Mejju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Samir Lofti Tawdrous vs Ahmed Saleh Ahmed, Rikors numru 317/2021MV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Ahmed Saleh Ahmed a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Samir Lofti Tawdrous (KI 531295M) vs Ahmed Saleh Ahmed (KI 112803A) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-13 ta' Lulju, 2022, ir-rikorrenti Samir Lofti Tawdrous talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-esponenti għas-somma ta' €2980 rappreżentanti l-kera mhux imħallsa kif ukoll tiswijiet li kellhom isiru fil-fond 36, Triq Ħal Qormi, Il-Ħamrun;

By means of a decree of the 10th May, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Samir Lofti Tawdrous vs Ahmed Saleh Ahmed, Application number 317/2021MV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Samir Lofti Tawdrous in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

By means of an application in the names Samir Lofti Tawdrous (ID 531295M) vs Ahmed Saleh Ahmed (ID 112803A) filed before the Rent Regulation Board on the 13th July, 2022, the applicant Samir Lofti Tawdrous requested with respect this Honourable Board to:

1. Declare that the respondent is debtor of the applicant in the amount of €2980 representing the unpaid rent and also for the repairs that had to be done in premises 36, Triq Ħal Qormi, Ħamrun

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma msemmija ossija is-somma ta' €2980 lill-attur bl-interessi skont il-liġi.

U dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u provvediment li dan l-istess Bord jidhirlu xierqa u opportuni.

Rikorrenti: 13, Triq il-Qasab, Birkirkara

Intimat: 5, Happy Days, Triq Lewis V. Farrugia, Birkirkara

Ir-rikors fl-ismijiet Samir Lofti Tawdrous vs Ahmed Saleh Ahmed, Rikors numru 317/2021MV, jinsab differit għas-27 ta' Ottubru, 2022, fid-9.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Condemn the respondent to pay the amount mentioned which is €2980 to the applicant with interest according to law.

And this under those conditions and provisions that this same Board deems fit and opportune.

Plaintiff: 13, Triq il-Qasab, Birkirkara

Respondent: 5, Happy Days, Triq Lewis V Farrugia, Birkirkara

The application in the names Samir Lofti Tawdrous vs Ahmed Saleh Ahmed, Application number 317/2021MV, has been postponed for hearing to the 27th October, 2022, at 9.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 7th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1767

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Carmelina Catania et vs Lilian sive Emanuela Cutajar, Rikors numru 352/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Lilian sive Emanuela Cutajar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Carmelina Catania (KI 581541M) u Josephine Agius (KI 505544M) vs Emanuela sive Lilian Cutajar (KI 854738M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-20 ta' April, 2022, ir-rikorrenti Carmelina Catania et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jagħti l-permess lir-rikorrenti jieħu lura l-pussess tal-fond bin-numru 37, Triq Maitland, Il-Ħamrun, u jordna għar-raġunijiet hawn fuq premessi l-iżgumbrament tal-intimata mill-istess fond, u jipprefiġġi żmien qasir u perentorju li fih l-intimata għandu tivvaka mill-istess fond, dan ai termini tal-artikolu 9(a) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna lill-istess intimata sabiex fiż-żmien stabbilit minn dan l-Onorabbli Bord tneħħi dak kollu li huwa ħwejjiġha u tagħti lura l-pussess battal tal-istess fond fl-istess stat tajjeb illi kien mgħoddi lilha u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond de quo;

By means of a decree of the 13th July, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Carmelina Catania et vs Lilian sive Emanuela Cutajar, Application number 352/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Lilian sive Emanuela Cutajar in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

By means of an application in the names Carmelina Catania (ID 581541M) and Josephine Agius (ID 505544M) vs Emanuela sive Lilian Cutajar (ID 854738M) filed in the Rent Regulation Board, on the 20th April, 2022, the applicants Carmelina Catania et requested this Honourable Board why it should not:

1. Give permission to the applicants to resume possession of the premises with number 37, Triq Maitland, Ħamrun, and order, for the reasons premised, the eviction of the respondent from the same premises and fix a short and peremptory time so that the respondent will vacate from the same premises and this in terms of Article 9(a) of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Order the same respondent so that within the time established by this Honourable Board she removes all her belongings and give the applicants the vacant possession of the same premises in a good state as the premises were handed over to her and authorise the applicants to resume possession of the premises de quo;

3. Kontestwalemnt, jillikwida bil-ħatra ta' periti nominandi jekk ikun meħtieġ, somma ekwivalenti għad-danni kumplessivi sofferti mir-rikorrenti, rappreżentanti xogħlijiet u mantuenzjoni (inkluż dawk ta' natura strutturali) tal-fond suriferit kawża tat-traskuraġni u negliġenza tal-intimata;

4. Jordna lill-intimata tħallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvota tiġi preżentata.

Notifika: 37, Triq Maitland, Il-Ħamrun

Ir-rikors fl-ismijiet Carmelina Catania et vs Lilian sive Emanuela Cutajar, Rikors numru 352/2022JD, jinsab differit għat-3 ta' Novembru, 2022, fil-10.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Consequently liquidate by means of nominated architects if néeded, an amount equivalent to the damages suffered by the applicants, representing works and repairs (including those of natural structure) of the premises above mentioned because of carelessness and negligence of the respondent;

4. Order the respondent to pay the amount as liquidated.

With costs and legal interest against the respondent who is hereby summoned so that a reference to her oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Respondent: 37, Triq Maitland, Ħamrun

The application in the names Carmelina Catania et vs Lilian sive Emanuela Cutajar, Application number 352/2022JD, has been postponed for hearing to the 3rd November, 2022, at 10.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 7th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1768

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1732/2022, minn Mario Camilleri et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mario Camilleri, Jacqueline (Jacqueline-Mary) Sciuto u Eileen (Helen) sive Elaine Schembri aħwa Camilleri fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Teresa Camilleri née Bonello, armla minn Carmel Camilleri, bint Rocco Bonello u Elena née Zammit, imwielda Birkirkara, Malta, kienet residenti n-Naxxar, Malta, u mietet Il-Msida, Malta, fl-14 ta' Frar, 2022, ta' 82 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 97540M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 7 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th August, 2022, Application number 1732/2022, by Mario Camilleri et whereby they requested that it be declared open in favour of Mario Camilleri, Jacqueline (Jacqueline-Mary) Sciuto and Eileen (Helen) sive Elaine Schembri brothers and sisters Camilleri in equal shares between them the succession of Teresa Camilleri née Bonello, widow of Carmel Camilleri, daughter of Rocco Bonello and Elena née Zammit, born in Birkirkara, Malta, resided in Naxxar, Malta and died in Msida, Malta, on the 14th February, 2022, aged 82, and who held identity card number 97540M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 7th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603